## QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 71 / 14RGM

Kawza fil-lista: 15

**L-Avukat Etienne A. Calleja bhala l-mandatarju specjali tal-assenti C X Y u bintha l-minuri R Y**
**vs**
**O E;**
**Direttur tad-Direttorat tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali;**
**u permezz tad-digriet tal-20 ta' Novembru 2014 l-Avukat Generali gie estromess mill-atti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-Avukat Etienne Calleja bhala mandatarju specjali li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi, l-attur qieghed jidher ghall-assenti C X Y u bintha il-rninuri R permezz ta' prokura generali li tawtorizzah jipprocedi f'isimha u f'isem bintha ghal kull interess li jista' jkollha;

Illi, C X Y, detentrici tal-Passaport Slovakk bin-numru Bl 2327489 u li hija residenti gewwa Hauffgasse 13/5-6 Vienna 1110 Austria, kellha relazzjoni extra-konjugali mal-konvenut O E ghal habta tal-ahhar tas-sena 2001 u li frott din ir-relazzjoni twieldet it-tifla R nhar it-18 ta' Lulju, 2002 gewwa Bratislava, fl-Islovakkja, detentrici tal-Passaport Slovakk BJ 2327309 u li hija residenti fl-istess indirizz suriferit u dan skond certifikat tat-twelid mahrug mill-Awtorita Slovakka fil-5 ta' Awissu, 2002;

Illi, l-intimat O E huwa il-missier naturali ta' din il-wild frott ir-relazzjoni extra-konjugali li huwa kkuntratta mal-mittenti tul ir-residenza taghha hawn Malta bejn 1-2001 u 1-2002 u dan kif ser jigi ampjament u sodisfacenternent muri tul il-kors ta' dina l-kawza;

Illi, qabel ma twieldet tat-tifla, izda waqt it-tqala tal-istess C Y, b' agir klandestin, abuziv u kontra l-ligi il-konvenut irnexxielu ikecci, jew xort' ohra ittellaq, lill-mittenti minn Malta, u dan wara li ha li ried minn ghandha u dan unikament u senjatament bl-iskop li jahrab mill-obbligi naturali u legali tieghu bhala missier tal-wild eventwali tieghu skond il-ligi stante li kien fil-frattemp ikkontratta relazzjoni ma' persuna ohra waqt it-tqala tal-imsemmija C Y;

Illi, wara li twieldet R fl-iSlovakkja il-konvenut la qatt ma' ikkuntattja lill-omm, qatt ma' wiegeb ghad-diversi tentattivi li ghamlet sabiex tikkuntattjah u s'intendi qatt ma hallas ebda manteniment fil-konfront taghha, qatt ma fittixha u lanqas biss ghamel ebda attentat sabiex isibha. Anzi, ghal kuntrarju, kull tentattiv minn naha ta' C Y biex iccempillu jew tikkuntattjah sfaw fix-xejn;

Illi, stante li R Y ghandha il-misser taghha li huwa Malti ghandha id-dritt li tirregistra bhala cittadina Maltija u sabiex it-twelid taghha jigi registrat fir-registru Pubbliku ta' Malta u jinhargilha appozitament certifikat tat-twelid li jirrifletti l-istat civili taghha;

Illi, dan kollu ma jistax isir sakemm il-konvenut li allegatament huwa il-missier naturali taghha ma jigix talment dikjarat f'dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi jew xort' ohra il-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri ma jaghmilx tali dikjarazzjoni;

Illi, il-konvenut O E gie debitament interpellat permezz tal-ittra ufficjali 116/2012 ddatata it-8 ta' Ottubru, 2012 sabiex jersaq ghal-hlas u likwidazzjoni tal-manteniment u spejjez dovuti lill-binthu il-minuri R Y izda baqa' inadempjenti, kopja legali ta' liema ittra ufficjali flimkien mal-inkartament kollu relattiv ai termini tal-Art. 891 tal-Kap.16 (recte Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta [Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili];

Illi, ghaldaqstant kellha issir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ddikjarat bhal l-missier naturali ta' R Y okkorrendo anke bil-opera ta' periti nominandi;

Illi, sussegwenti ghad-dikjarazzjoni ta' paternita, anke wara ammissjoni f'dan ir-rigward mill-konvenut, il-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas il-manteniment dovut lit-tifla tieghu tul dawn is-snin kollha kif ukoll ihallas ta' sehemhu mill-ispejjez kollha ordinarji u straordinarji ta' sahha, edukazzjoni, medicinali u hwejjeg essenzjali ohra mehtiega ghat-trobbija tat-tifla tieghu R.

Ghaldaqstant, l-attur fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju tal-assenti C X Y u bintha l-minuri R Y, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, in segwitu tal-provi kollha li ser jingiebu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

1. Tiddikjara li 'l-konvenut O E huwa l-missier naturali tal-wild R Y frott ir-relazzjoni extra konjugali ma' C X Y bejn is-sena 2001 u 2002, okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi; u sussegwentement;

2. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-Ewwel Taiba, tordna lill-konvenut Direttur tad-Direttorat tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs sabiex jirregistra lill-R Y bhala cittadin Malti ai termini tal-Art. 5(2)(b) tal- Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta [Att dwar ic-Cittadinanza];

3. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-Tieni Talba u kontingenti maghha tordna lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra il-wild tal-minuri R Y bhal cittadin Malti ai termini tal-Art. 87, 244 et seq. tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta [Kodici Civili] u fil-kolonna Isem u Kunjom Missier il-wild jitnizzel l-isem tal-koonvenut O E ai termini tal-Art. 278 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta [Kodici Civili];

4. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-Tielet Talba u konsegwentement ghall-Ewwel Talba, tillikwida il-manteniment dovut lill-R Y mill-konvenut O E bhala l-missier naturali taghha; u

5. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghar-Raba' Talba, tillikwida l-ammont tal-ispejjez straordinarji dovuti ghat-trobbija, kura u edukazzjoni inkorsi fit-trobbija tal-minuri R Y; u

6. Tordna lill-konvenut O E ihallas il-manteniment hekk likwidat a tenur tar-Raba' Talba; u

7. Tordna lill-konvenut O E ihallas l-ammont tal-ispejjez straordinarji hekk likwidati a tenur tal-Hames Talba;

8. Tordna li l-ispejjez ta' dina l-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 116/2012 flimkien mal-ispejjez kollha ghan-notifika skond il-ligi ai termini tal-Art. 891 tal-Kap.16 (recte Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta [Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili], flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza ikunu kollha a karigu tal-konvenut O E; u

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

Illi in linea preliminari, l-intimat Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 1818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f'kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat. Fil-kaz odjern huwa id-Direttur tar-Registru Pubbliku u d-Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs li huma responsabbli ghat-tip ta' talbiet li qieghda taghmel ir-rikorrenti u ghalhekk l-Avukat Generali gie interpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost qed jigi rilevat li fuq il-mertu tal-kawza odjerna u b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri R Y, l-esponenti naturalment m'humiex edotti mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huma jirrimettu ruhhom ghar-rizultanzi processwali, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri.

Illi minghajr pregudizzju, l-esponenti jirrileva li fir-rigward tat-tieni talba tar-rikors promotur jista japplika l-artikolu 5 (3) tal-Att tac-Cittadinanza Maltija (Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid is-segwenti:

*Persuna mwielda barra minn Malta fi jew wara 1- gurnata stabbilita li ggib prova li tkun dixxendenti fil-linja diretta ta' axxendenti mwieled Malta minn genitur bl-istess mod imwieled Malta jkollha jedd, wara li taghmel applikazzjoni skont ma jista' jkun preskritt u wara li tiehu l-gurament ta' lealta, tkun registrata bhala cittadin ta' Malta*
*Izda meta dik il-persuna tkun minuri, dik il-persuna li skont il-ligi jkollha awtorita fuq il-minuri, tista' taghmel rikors ghar-registrazzjoni ta' dak il-minuri bhala cittadin ta' Malta.*

Abbazi ta' dan l-artikolu jekk jigi ippruvat li r-rikorrenti C Y ghandha awtorita' fuq il-minuri R Y u jigi ippruvat wkoll li l-istess minuri hija dixxedenti ta' persuna li twieldet Malta minn genitur li wkoll twieled Malta allura r-rikorrenti tista tapplika ghar-registrazzjoni biex tikseb ic-cittadinanza Maltija ta' bintha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jirrileva li jekk il-minuri R Y tikseb ic-cittadinanza Maltija sussegwentement hija tista titlob ir-registrazzjoni tat-twelid taghha fir-Registru Pubbliku.

Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz, li jintlaqaw l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat O E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-Identita, (2) l-eta tieghu

meta twieldet, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet il-minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet R Y. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit R Y.

Illi bla hsara ghal premess, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fir-rigward tar-raba u l-hames talbiet, l-esponenti kollha jirrilevaw li huma mhumiex il-legittimi kontraditturi fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-manteniment, il-kura, l-edukazzjoni u spejjez ohra relatati mat-trobbija tal-minuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut O E li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti debitament accetta n-notifika tal-kawza de quo seduta stante nhar it-2 ta' Ottubru, 2014 dan wara li gie a konoxxenza tal-esistenza tal-kawza de quo li giet ippubblikata fuq il-gazzetta tal-gvern, kif ser jigi spjegat tul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan il-kaz, u qieghed ghalhekk kif ordnat jintavola l-umli risposta tieghu;

2. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz de quo;

3. Illi l-intimat jixtieq jippreciza illi l-fatt illi huwa accetta n-notifika tal-kawza bl-ebda mod ma ghandha tinftiehem li hija xi forma ta' accettazzjoni ghal kontenut u talbiet fil-kawza de quo;

4. Illi in linea preliminari, r-rikorrenti ghandu jindika taht liema Artikolu tal-Ligi ntavola l-kawza de quo; llli u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u purament ai fini legali u dawk procedurali, jirrizulta illi r-rikorrenti qeghda tibbaza t-talbiet taghha primarjament ai termini tal-Artikolu 87 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant kull talba ohra f'dan l-istadju hija improponibbli, dan sta ghal fatt li hemm proceduri appoziti li kull parti tista tirrikorri ghalihom wara li dik il-parti tkun accertat il-paternita tal-wild u sussegwentament ikun sar it-tibdil relattiv fic-certifikat tat-twelid;

5. Illi ghaldaqstant it-talbiet li segwew huma ghal kollox prematuri u bla bazi;

6. Illi l-intimat jichad kategorikament l-allegazzjoni li saret referibilment ghall-allegazzjoni li l-intimat b'agir klandestin, abusiv u kontra l-ligi, kecca jew xort' ohra tellaq lill-C Y minn Malta;

7. Illi u a bazi ta' din l-allegazzjoni, r-rikorrenti ghandu jissostanzja din l-allegazzjoni hekk serja, b'dan illi l-intimat qieghed sa minn issa jirriserva kull azzjoni spettanti lilu kontra r-rikorrenti ghal tali allegazzjoni serja u li tista tkun vessatorja kontra l-intimat;

8. Illi l-intimat jichad b'mod kategoriku t-talbiet attrici;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ C Y, anness ma’ nota pprezentata fis-17 ta’ Gunju 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2014, meta gew irtirati t-talbiet kollha tal-attrici fil-konfront tal-Avukat Generali, li b’digriet moghti fl-istess seduta gie estromess mill-proceduri, l-partijiet gew diretti jipproducu provi dwar t-talba attrici u li l-konvenut O E jigi ordnat jissottometti ruhhu ghat-test tad-DNA u gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur nomine pprezentata fis-17 ta’ April 2015;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tad-Direttur tad-Direttorat tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fl-4 ta’ Mejju 2015;

Rat id-Digriet ta’ din l-Qorti tas-6 ta’ Ottubru 2015, fejn l-Qorti cahdet l-oggezzjoni tal-konvenut O E, ddikjarat li l-atturi ghandhom dritt jitolbu li l-Qorti tordna li jittiehed kampjun genetiku mill-pesuna tal-konvenut O E ghall-finijiet tat-testijiet tad-DNA u li l-istess konvenut gie ordnat li fi zmien xahar jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tieghu;

Rat id-Digriet moghti ‘seduta stante’ fil-21 ta’ Gunju 2016 fejn il-Qorti ordnat l-hrug ta’ mandat ta’ akkumpanjament kontra O E sabiex jittiehed fil-klinika ta’ Dottor Marisa Cassar;

Rat l-affidavit u r-rapport ta’ Dottor Marisa Cassar li kkonfermat li l-konvenut O E hu l-missier naturali ta’ R X Y;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2016 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2016 dwar l-ewwel tlett talbiet attrici;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu giet sospiza il-prolazzjoni tas-sentenza biex jsiru l-kontro-ezamijiet u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-affidavit tal-Avukat Dottor Etienne Calleja anness ma' nota pprezentata fit-30 ta' Novembru 2016;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine pprezentata fit-28 ta' Marzu 2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut O E pprezentata fil-25 ta' Mejju 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2017 fejn l-Avukat Dottor Maurizo Cordina, ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku referibbilment ghat-tieni talba attrici ssottometta li peress li hadd ma ressaq quddiem id-Dipartiment tac-Citadinanza talba sabiex il-minuri tinghata cittadinanza Maltija, tali talba hi intempestiva u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett talbiet attrici.

IL-PROVI

Alicia Y, fl-affidavit taghha mahluf fil-5 ta' Ottubru 2012, Fol 41, ikkonfermat li ltaqghet mal-konvenut O E fis-Sajf tat-2001 fil-Holiday Inn ta' Bratislava fejn kienet ilha xaharejn tahdem bhala 'call girl'. Hu kien hemm ma' habib tieghu John Bugeja u kienu marru hemm in konnessjoni ma' xi kwistjonijiet ta' football ma' teams mis-Slovakja. Damet mieghu ghal xi saghtejn u rrakkontatlu l-istorja ta' hajjitha, li kellha zewgt itfal u li r-relazzjoni li kellha ma' zewgha kienet spiccat. L-ghada hu kellu jirritorna Malta, ltaqghu f'kafe', urietu z-zewg uliedha u cempillha diversi drabi kemm qabel telaq kif ukoll wara li wasal f'Malta.

Xi tlett gimghat wara staqsiha setghux jitaqghu fi Vienna. Iltaqghu fl-Airport, marru fil-lukanda tieghu fejn irregalalha diversi oggetti fosthom fwieha u curkett.

Ghamlu tlett ijiem flimkien u qabel irritorna Malta taha somma flus xi elf dollar Amerikan. Kien icempillha ta' spiss, telefonati fit-tul u fit-22 ta' Settembru 2001 iltaqghu f'Parigi. Ghamlu gimgha flimkien fejn talabha tizzewgu u jibnu familja flimkien. Hi inkwetat billi kellha 32 sena, kellha zewgt itfal ta' 13 u 11-il sena u

kienet ghaddiet minn zewg esperjenzi korroh, wahda minnhom soffriet abbuz fiziku u vjolenti.

Wara xi hmistax invitha biex tigi Malta u giet f'Ottubru 2001 u damet hawn xahar, kienu jghixu fi flat f'San Giljan u O introduciha mal-hbieb tieghu fil-hanut tal-kafe' tieghu li kien jismu Bocconcino.

Kien jintroduciha mal-hbieb bhala l-mara futura tieghu, u kien taha hafna rigali, kien johodha fil-knejjes u kien jghidilha li kien jitlob biex hi issir tieghu ghal dejjem. Hi hasset li kienet qed tghix holma, paragunat mas-swat li kienet taqla' minn zewgha u relazzjoni ma' ragel iehor li ukoll falliet. Hi hasset li hu kien sincier u onest maghha u kienet kuntenta hafna f'dan iz-zmien.

F'Novembru 2001 regghet giet Malta, r-relazzjoni taghhom kibret, irregalalha curkett b'djamant kbir u kien johodha mieghu ghall-business meetings kemm ma partners kif ukoll bank managers. Xtara Mitsubishi Pajero bin-numru ta'registrazzjoni personalizzat, AMA-001 li kien iffisser Alice My Angel.

Fil-Milied t-tfal taghha gew jiltaqghu maghha f'Malta u O zviluppa relazzjoni tajba maghhom u diversi drabi hadhom jieklu fil-Familja Restaurant.

Hi regghet irritornat f'Malta f'Marzu 2002 meta kellha erba' xhur tqala. Hi nnotatat li beda jqatta' anqas hin maghha u aktar kien ikkoncentrat fuq in-negozju.

Kienet bdiet tiddejjaq tqatta' hafna hin wahedha u ddecidiet li zzomm ruhha okkupata billi toqghod tahsel u tghaddi. Meta twiet lizar innotat xaghar twil iswed u meta staqsietu qalilha li kien silef l-flat lil habib u l-girlfriend tieghu. Hu assikuraha li ma kellu l-ebda girlfriend u li hi u t-tarbija kienu l-aktar haga importanti ghalih.

Hi rat l-kont tal-mobile tieghu u nnotat li kien hemm numru in partikolari li kien intuza aktar minn taghha. Kienu anke saru telefonati mill-Ingilterra meta lilha minn hemm ma kienx cemplilha ghax qal li l-connection ma kinitx tajba.

Hu qalilha li t-telephone tieghu kien wkoll uzah il-habib tieghu li kien icempel lil girlfriend. Qalilha li hu ma kienx xi playboy u halef li kien qed jghid il-verita', u li l-akbar xewqa tieghu kienet li jkollhom tifla. Hi ma kinitx kuntenta billi kien hemm wisq cirkostanzi suspettuzi. Hu kien jghid li kellu pressjoni tax-xoghol, hi kellha il-problemi bit-tfal li kienu f'Bratislava u ghalhekk ddecidew li hi issolvi il-problemi taghha u hu jsolvi tieghu.

Hi ghamlet l-arrangamenti taghha biex tasal Malta fis-16 ta' Mejju 2002 u t-tfal jigu wara li jispiccaw lis-skola fit-3 ta' Lulju.

Fit-22 ta' April it-tabib ikkonfermalha li kien ser ikollha tifla, cemplet lil O biex tghidlu, hu kien kuntent bl-ahbar pero' qalilha xi haga li inkwietatha. Qalilha li kellu problemi kbar f'Malta u jista' jkollu jmur Palermo fi Sqallija ghal sentejn. Hi staqsitu x'ser isir minnha u uliedha, u hu qalilha biex ma tinkwetax billi kien ser ikun jaf bic-cert fi zmien gimgha. Bdiet tinnota li t-telefonati tieghu saru aktar xotti u qosra. Qalilha li t-telephone tieghu seta jkun 'tapped' u li kien qed jigi segwit. Hi fehmet li dan kien il-mod kif hu kien qed jghidilha li kien ahjar ghaliha u ghall-familja li ma jigux Malta. Dan kien shock kbir ghaliha billi kienet gia' ppakkjat kollox , u sellmet lill-hbieb u lill-familja. Jeffry qalilha li kien kostrett jaghti l-flat u l-karozza lill-persuna li kienet issegwih u li l-kaxxi taghha ntbaghtu lura Bratislava.

Issuspettat li kien qed jigdeb u ghalhekk biddlet l-biljett tal-ajru minghajr ma qaltlu u giet Malta ghall-gharrieda fit-2 ta' Mejju 2002. Fl-istess gurnata rceviet SMS minn ghandu li l-valiggi taghha intbaghtu lura Bratislava.

Malli waslet Malta marret direttament fl-appartament f'San Giljan. Mill-ewwel bdiet tissuspetta billi hdejn il-bieb ta' barra kien hemm zarbun ta' mara. Kien qed ihossha 'a complete wretch'. Kienet tqila, hadet battikata biex torganizza kollox u ma setghatx taccetta li kollox tar mar-rih.

Marret fuq fejn sabet hwejjigha kollha ghalkemm O kien qalilha li hwejjigha kienu ippakkjati. Fuq is-sodda kien hemm 'underwear' ta' mara li ma kienux taghha, fil-kamra tal-banju kien hemm kaxxa bil-hwejjeg ta' mara, kif ukoll fil-gwardarrobba tieghu, hwejjeg li ma kienux taghha.

Iddecidiet li tikkonfrontah. Irrealizzat li kollox kien spicca bejniethom u bdiet tippakkja hwejjigha, kellha 5 bagolli mimlija. Xi l-11.00 pm semghet il-karozza tieghu, pero' malli ra d-dawl fil-flat hu tfixkel u ma dahalx. Marret hi isfel biex tiftahlu u ratu jigri l-isfel in-nizla ta' quddiem il-flat. Ma setghatx tifhem ghaliex.

Wara ftit cemplilha jghajjat maghha biex titlaq 'l barra. Hi rrifjutat u insistiet li jitkellmu wicc mb'wicc. Kompla jcempel jghajjat kemm jiflah u qatghatlu. Xi nofs il-lejl mar ikellimha John Bugeja li qalilha li jkun ahjar li tiehu hwejjigha u titlaq. Hi rrifjutat u nsistiet li titkellem ma' O. Eventwament dahal O u b'rabja kbira tefa' l-basktijiet kollha taghha barra bi hwejjigha  kollha barra. Hu tela' fuq, hi bdiet tigbor il-hwejjeg tistenna spjegazzjoni.

Meta nizel minn fuq, beda jakkuzaha li serqitlu l-gojjellerija li kien taha bhala rigal. Hu insista li jiehu kollox lura u billi hi rrifjutata gew fl-idejn u  John Bugeja intervjena u pprotegiha.

O fetah il-bagalji taghha kollha, tefa' kollox barra u meta ma sab xejn mar l-Ghassa tal-Pulizija fil-vicin. Gew il-Pulizija spjegatilhom li kellha kienu rigali u tawha l-parir li tirritornalu kollox biex ma jkollhiex problemi l-Airport. Hi ghalhekk ma baqghetx tinsisti meta kien hemm l-pressjoni u l-interferenza tal-Pulizija.

Hi hasset li kienet fi svantagg kbir billi hu kien qed jikkomunika mal-Pulizija bil-Malti u kien influwenti minhabba il-konnessjonijiet politici tieghu u l-involviment tieghu fil-football.

L-ahhar kliem ta' O lilha kienu "Fuck Off" u sabtilha l-bieb ta' barra tal-appartament f'wiccha.

Kien John Bugeja li ghinha terga tippakkja hwejjigha u hadha ghandu biex tqatta' l-lejl fejn il-girlfriend tieghu Nathalia qaltilha li kien shock ghaliha billi O kien qalilhom li hi ma setghatx tirritorna Malta ghar-ragunijiet ta' sahha u problemi amministrattivi.

Hi kkonfermat li O kien giddieb kbir, kien gideb lilha u lil John Bugeja fuq kollox. Nathalia qaltilha li l-ahhar li kiel maghhom O kien ma' tfajla sabiha ta' xi 23 sena. Staqsiet lil John biex jghid lil O x'kien ser issir minnha u t-tarbija u r-risposta kienet li ma kien ser jaghti l-ebda forma ta' assistenza u li qatt ma ried jerga jarahom. Anzi qallu li kien t-tort taghha ghax giet ghall-gharrieda.

L-ghada John hadha l-Airport, taha elf dollar Amerikan, u marret lura Bratislava, b'sitt xhur tqala, b'hames valiggi jiznu aktar minn mitt kilo u qatt ma regghet rat jew kellmet lil O mitt-2002.

Fortunatament hi regghet izzewwget u ghall-ahar 5 snin kellha ragel twajjeb li appoggja lilha u wliedha f'kollox anke mill-aspett finanzjarju.

Finalment iddikjarat li R hi bint O u tipprettendi li ghandu jimantniha skond il-mezzi tieghu.

Dottor Marisa Cassar, fl-affidavit taghha mahluf fit-3 ta' Novembru 2016, Fol 124, ikkonfermat li Dottor Etienne Calleja ghaddielha l-kampjuni orali ta' Alicia X Y u R X waqt li hi stess gabret il-kampjun orali ta' O E sabiex jkunu jistghu jsiru it-testijiet tad-DNA (Paternity test) u mit-testijiet li ghamlet irrizulta li l-istess O E hu il-missier naturali ta' R X u dan kif jirrizulta mir-rapport PT1601069 minnha ffirmat.

L-Avukat Dottor Etienne Calleja fl-affidavit tieghu mahluf fit-30 ta' Novembru 2016, Fol 132, ikkonferma li hu gie moghti zewg DNA sampling kits minn Dottor

Marisa Cassar, u nghata l-istruzzjonijiet ta' kif ghandhom jigu elevati l-kampjuni tad-DNA minn fuq persuni. Hu mar Vienna fl-14 ta' Novembru 2015 u dakinhar stess eleva kampjun tad-DNA minn Alicia Mallard Y u minn bintha il-minuri R X. Hu rritorna bl-istess kampjuni l-ghada 15 ta' Novembru 2015.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Alicia X Y u l-konvenut O E kellhom relazzjoni ta' xi seba xhur, minn Ottubru 2001 sa Mejju 2002. Hi harget tqila f'Dicembru 2001 u it-tifla, R twieldet fit-18 ta' Lulju 2002.

L-attur nomine, bhala mandatarju tal-assenti Alicia X Y qed jitlob li l-konvenut O E jigi dikjarat l-missier naturali ta' R, bint l-attrici assenti frott ir-relazzjoni taghha mal-konvenut O E;

**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi.

(2) It-talba gudizzjarja imsemmija fis-subartikolu (1) tista' ukoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jezistu l-istess cirkostanzi bhal dawk imsemmija fl-Artikolu 85.

Il-konvenut O E, fir-risposta guramentata tieghu cahad b'mod kategoriku t-talbiet attrici, pero' b'ebda mod ma kkontesta l-verzjoni tal-fatti kif dikjarati mill-attrici fl-affidavit taghha.. Anzi mit-testijiet xjentifici tad-DNA li saru rrizulta li hu l-missier naturali tal-minuri R, testijiet li originarjament hu oppona li jissottometti ruhhu ghalihom billi allega li l-attrici kellha relazzjonijiet ma' haddiehor, allegazzjoni li bl-ebda mod ma giet ippruvata. Irrizulta mill-provi li r-relazzjoni taghhom kienet intima u stabbli intiza biex tkun relazzjoni fit-tul.

L-ewwel talba attrici, li l-konvenut O E jigi dikjarat il-missier naturali tal-minuri R, tirrizulta ppruvata u ghandha tigi milqugha.

It-tieni talba attrici hi li l-konvenut Direttur tad-Direttorat tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs jigi ordnat jirregistra lill-minuri R bhala cittadin Malti ai termini tal-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ic-Cittadinanza).

L-istess Direttur fir-Risposta Guramentata tieghu rrileva li japplika ghall-kaz l-artikolu 5(3) tal-Att tac-Cittadinanza Maltija li jghid:

"Persuna mwielda barra minn Malta fi jew wara l-gurnata stabbilita li ggib prova li tkun dixxendenti fil-linja diretta ta' axxendenti mwieled Malta minn genitur bl-istess mod imwieled Malta jkollha jedd, wara li taghamel applikazzjoni skont ma jista' jkun preskritt u wara li tiehu l-gurament ta' lealta', tkun registrata bhala cittadina ta' Malta.

Izda meta dik il-persuna tkun minuri, dik il-persuna li skont il-ligi jkollha awtorita' fuq il-minuri, tista' taghmel rikors ghar-registrazzjoni ta' dak il-minuri bhala cittadin ta' Malta."

Skond dan l-Artikolu l-istess Direttur iddikjara li jekk jigi ppruvat li r-rikorrenti Alicia Y ghandha awtorita' fuq il-minuri R Y u jigi ppruvat ukoll li l-istess minuri hija dixxendenti ta' persuna li twieldet Malta minn genitur li ukoll twieled Malta allura r-rikorrenti tista' tapplika ghar-registrazzjoni biex tikseb ic-cittadinanza Maltija ta' bintha.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku rrileva li jekk il-minuri R Y tikseb ic-cittadinanza Maltija sussegwentement hija tista' titlob ir-registrazzjoni tat-twelied taghha fir-Registru Pubbliku.

Fi kwalunkwe ma hiex materja li taqa' taht il-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici.

It-tielet talba attrici hi li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jigi ordnat jirregistra il-wild tal-minuri R Y bhal cittadin Malti ai termini tal-Art.87 [Art.] 244 et seq tal-Kap 16 u fil-kolonna Isem u Kunjom Missier il-wild, jitnizzel l-isem tal-konvenut O E ai termini tal-Art. 278 et seq tal-Kap 16.

L-istess konvenut fir-risposta tieghu rrileva li jekk il-minuri R Y tikseb ic-cittadinanza Maltija sussegwentement hija tista' titlob ir-regisrazzjoni tat-twelid taghha fir-Registru Pubbliku.

Dan iffisser li wara li tigi determinata l-kwistjoni ta' paternita', tista' issir il-procedura kif indikata fl-Artikolu 5(3) tal-Att tac-Cittadinanza Maltija ghar-registrazzjoni tal-minuri bhala cittadin ta' Malta u susegwentement, tista' titlob ir-registrazzjoni tat-twelied taghha fir-Registru Pubbliku.

Pero', tenut kont li l-konvenut huwa cittadin Malti, il-Qorti ser tordna li l-effetti ta' din is-sentena jigu registrati fir-Registru Pubbliku, inkluz li c-certifikat tat-twelid

tal-minuri, kif issa emendat bis-sentenza odjerna, jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-ewwel tlett talbiet attrici u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-partijiet konvenuti fir-rigward ta' dawn it-tlett talbiet, bil-mod hawn deciz billi;

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut O E hu l-missier naturali tal-minuri R Y.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici;

3. Tichad l-ewwel parti tat-tielet talba fejn qed jintalab registrazzjoni ta' cittadinanza.

4. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-att tat-twelid tal-minuri inkluz l-effetti tas-sentenza odjerna.

5. Tordna li l-minuri tkun maghrufa bil-kunjom "Y E".

6. Taghti lill-konvenut O E ghaxart ijiem millum sabiex b'nota guramenta jelenka il-konnotati kollha tieghu kif indikat fir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 54 tal-process, u dan taht piena ta' disprezz fin-nuqqas.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**